FOUNDATION FOR AFFORDABLE HOUSING

# Tagħlaq is-sejħa għall-offerti biex jinbnew djar affordabbli

Is-sejħa ta' interess ippubblikata mill-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli b'rabta mal-inizjattiva ta' bejgħ ta' appartamenti affordabbli ġiet konkluża. Kien hemm ħdax-il offerta sottomessa minn seba' kumpaniji differenti.

Is-settur privat kien mistieden jissottometti offerti għad-disinn u l-iżvilupp ta' bini li se jitpoġġew fis-suq bi prezz affordabbli. Issa l-proċess jgħaddi f'idejn il-Kumitat ta' Evalwazzjoni indipendenti kompost minn esperti li se jevalwa l-offerti fuq kriterji stabbiliti ta' kwalità, sostenibbiltà u prezz.

F'Lulju ta' din is-sena l-Fondazzjoni nediet l-Inizjattiva Djar Affordabbli li għandha twassal għall-bini ta' mhux inqas minn 260 appartament. Dawn l-appartamenti se jkunu mifruxin f'erba' siti li l-Fondazzjoni kisbet mingħand l-Awtorità tad-Djar fi trasferiment li kiseb l-appoġġ unanimu tal-Gvern u l-Oppożizzjoni fil-Parlament. Is-siti ta' daqsijiet varji jinsabu fil-Fgura, Marsaskala, Ħal Kirkop u Ta' Giorni San Ġiljan. L-għan tal-inizjattiva huwa li dawn l-appartamenti jinbiegħu 30% inqas mill-prezz tas-suq għal appartamenti simili fl-istess żoni.

Dawn l-appartamenti se jkunu disponibbli għal individwi u koppji li għandhom dħul minn baxx sa medju. Persuni interessati huma mistedna jirreġistraw l-interess u biex jibqgħu aġġornati fuq is-sit www.affordablehousing.mt.

Il-Fondazzjoni għall-Akkomodazzjoni Affordabbli hija frott ta' kollaborazzjoni bejn il-Gvern u l-Arċidjoċesi ta' Malta. L-għan tagħha huwa li b'mod sostenibbli toffri soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni adekwati u affordabbli lil persuni li għandhom dħul minn baxx sa medju.

Il-kumpaniji li ssottomettew l-offerta tagħhom huma:

- Cast Renting Ltd
- Vassallo Builders Ltd
- A.M. Developments Ltd
- Green Building Solutions Ltd
- Bonnici Bros Services Ltd
- Eclipse JV
- JAJ Contractors Ltd

FOUNDATION FOR
AFFORDABLE
HOUSING

# Tender Submission for the Development of 260 Affordable Housing Apartments Has Closed.

The Foundation for Affordable Housing announces that the tender process for the design and development of approximately 260 new apartments has now formally closed. There were eleven submissions from seven different private bidders.

Through this tender, the private sector was invited to submit proposals for the design and construction of apartments which will be sold at affordable prices. The Evaluation Committee, composed of independent experts, will now commence its work to assess submissions in line with the established criteria, ensuring quality, sustainability, and affordability.

This initiative was first announced by the Foundation in July of this year and will deliver a minimum of 260 new apartments across four sites transferred to the Foundation by the Housing Authority. This transfer was approved unanimously by both Government and Opposition in Parliament. The sites are located in Fgura, Marsascala, Kirkop, and Ta' Ġiorni (St. Julian's), and vary in scale and size.

The objective of this initiative is to ensure that these apartments are sold at prices approximately 30% below current market value. They will be made available to individuals and couples with lower to medium incomes.

Interested parties may register to receive further information and updates at: www.affordablehousing.mt.

The Foundation for Affordable Housing is a collaboration between the Government and the Archdiocese of Malta. It was set up to provide sustainable solutions of Affordable accommodation for working people on lower to middle income.

FOUNDATION FOR AFFORDABLE HOUSING

The firms which have submitted an offer are:

- Cast Renting Ltd
- Vassallo Builders Ltd
- A.M. Developments Ltd
- Green Building Solutions Ltd
- Bonnici Bros Services Ltd
- Eclipse JV
- JAJ Contractors Ltd